MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 267/2008

**PJ Sutters (Marketing) Limited (C35984)**

**vs**

**Adrian Bajada u American Bistro Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom sabiex ihallsu l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenuti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 27 ta' Frar, 2007 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghax kummercjali mis-27 ta' Settembru, 2007 li hija d-data tal-ahhar konsenja.

Ra li s-socjeta' attrici pprezentat nota ta' cessjoni fis-26 ta' Mejju, 2008 fuq is-sorte u dan stante li kienu saru l-pagamenti tal-istess.

Illi, is-socjeta’ konvenuta zammet ferm il-kap tal-ispejjes li ghalhekk ma gietx ceduta.

It-Tribunal jissottolinea li l-konvenuti ma rrispondewx ghal dina l-kawza, anke meta kienu debitament notifikati u kienu sahansitra ghamlu l-pagamenti tal-bilanc li kien ghad hemm fuq il-merkanzija.

Peress illi hadd mill-konvenuti ma deher sabiex jikkontesta l-kap tal-ispejjes tal-kawza u lanqas huwa car min mill-konvenuti kien ghamel il-pagament tas-sorte, t-Tribunal ser ikollu jasal ghal konkluzjoni li l-ispejjes ghandhom jkunu dovuti minnhom it-tnejn.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li ma jiehux aktar konjizzjoni tal-meritu stante cessjoni, jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici in kwantu jirrigwarda l-ispejjes li ghandhom ikun a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------